MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## MAĠISTRAT
## DR. CHARMAINE GALEA

**Illum 16 ta' April 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Giorgio Vasta**
**(ID: 475000L)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Giorgio Vasta** li ġie akkużat talli:

Nhar il-15 ta' April 2020 għall-ħabta tat-3:00 ta' waranofsinhar fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar ikkommetta serq ta' flus kontanti għad-detriment ta' Sarath Raju, bi ksur tal-Artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Akkużat ukoll talli fid-data, ħin u ċirkostanzi imsemmija qabel, ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' probation ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tikkunsidra lil Giorgio Vasta bħala reċidiv ai termini tal- Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu żmien jikkonsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattiva;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu. Il-Qorti, wara li semgħet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti tqis li għalhekk l-imputazzjonijiet gew sodisfaċentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tiegħu qiegħed jinstab ħati l-imputat, il-fedina penali tiegħu, il-koperazzjoni mal-Pulizija, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkażjoni l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu. Għalhekk il-Qorti se tkun qiegħda tinfliġġi piena lejn il-minimu filwaqt li thalli l-effetti tal-Ordni ta' Probation jibqghu jiddekorru.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50 u 284 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u artikolu 7 u 23 (1) (a) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat **Giorgio Vasta** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-piena ta' ħamsa u tletin (35) ġurnata priġunerija filwaqt li tagħżel li ma titrattax mal-imputat dwar il-ksur tal-Ordni ta' Probation.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur